## BLA BENNA, BLA ĠMIEL...

*Ta'* Pawlu Aquilina

Għanqud sabiħ, ineffaħ
U jħammar wiċċu sħiħ:
Larinġ ta' Malta; bnina
il-ħlewwa ta' ġo fih!

Għaddejt tmintax-il waħda
Marsusa ma' xulxin,
Bil-weraq minsuġ fihom,
Bil-qtar tan-nida fin.

Biss waħda, f'nofs il-bqija,
Mixruba, kollha dud,
Bħal borra rtabet, bjadet
U ħassret ġmiel l-għanqud!

U sefgħet dik ħlewwitha
Fi qrusa kollha mrar;
U ġmielha ħeba wiċċu:
M'għadux sabiħ jiħmar.

U t-tnejn li kienu magħha
Jinħabbu mit-twelid,
Sfaw bħalha: morda, imħassra;
Maż-żmien, bil-ftit il-ftit.

U waħda wara l-oħra
L-għanqud sabiħ intemm!
Sar kollu dud u qrusa,
Minn benna ħamra demm!

* * *

Għadni narah jiżżeffen
Mal-fergħa tqila bih:
Għanqud larinġ ta' Malta,
Mill-aħmar, mis-sabiħ!

U fil-ħurrieq ta' taħtu,
Mifqugħ u kollu dud,
Rajtu jintemm, imħassar
U mdewwed il-għanqud!